MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2011

Numru. 495/2004

Il-Pulizija
(Sup Stephen Gatt)
vs
Salvatore Psaila, iben Salvu, imwieled Ħaz-Zabbar fil-21 ta’ Ottubru, 1949, Karta ta’ l-Identita numru 853349(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fit-18 ta’ Ġunju, 2004 ġewwa l-Imsida flimkien ma persuni oħra mhux magħrufa
a. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ Gad Alla Rezk Gad Alla Khalel Ibrahim miż-Żurrieq, mobbli jew immobbli liema ammonta ta’ ħsara ma tiskorriex il-ħames mitt lira Maltin (LM500) imam iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50);
b. fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi bla ordni skont il-liġi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-

liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta l-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Gad Alla Rezk Gad Alla Khalel Ibrahim kontra l-volonta' tiegħu;
c. fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi mingħajr ma dorob jew sawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin jew waddabhom jew qabad armi oħra kontra Gad Alla Rezk Gad Alla Khalel Ibrahim;
d. fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi għamel lil Gad Alla Rezk Gad Alla Ibrahim inġurji jew theddid jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
e. fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' Gad Alla Rezk Gad Alla Ibrahim sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;
f. talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fis-16 ta' April, 1999.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Frar, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 325(a), 87, 339(b)(d)(e), 17(ċ), 49, 50, 31, 20, 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu, 2007 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda nkluza x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-18 ta' Ġunju, 2004 għal ħabta tal-4.00 p.m. Gad Alla Rezk għamel rapport l-għassa ta' l-Imsida illi xi nofs siegħa qabel kienu daħlu erba' min-nies fil-ħanut tiegħu u kissru l-fuħħar li hu kellu għal biegħ. Hu għandu ħanut li jismu 'Rocky' fi Triq

Qrejten, l-Imsida minn fejn ibiegħ oġġetti tal-fuħħara li hu jimporta.

Illi hu qal lill-pulizija, kif ukoll offra x-xhieda tiegħu, li ftit qabel kien irċieva telefonata fuq  il-mobile tiegħu fejn persuna talbitu jiftaħ il-ħanut biex jixtri l-fuħħar mingħandu.  Hu kien ġewwa l-ħanut u meta fetaħ daħlu dawn in-nies.  Hu għaraf li ma tlett irġiel kien hemm l-imputat.  Skont il-vittma hu ma daħalx fil-ħanut iżda baqa' barra.  Ħaġa li ma ħarġitx ċara hi jekk l-imputat kien barra l-ħanut jew fil-kantuniera tat-triq.  Ix-xhieda tal-vittma mhiex ċara fuq dan il-punt.  Meta daħlu fil-ħanut wieħed minnhom qal li huma kienu xtraw id-dejn ta' l-imputat.  Minn hemmhekk, għamlu ħerba sħiħa.  Il-ħerba tirrizulta mir-ritratti eżebiti iżda l-vittma qatt ma eżebixxa xejn li jindika kemm kienet l-entita' tal-ħsara.

Illi ftit wara l-vittma rċieva telefonata fuq il-mobile fejn qallu li l-għad ġej u joqtlu.  Din it-telefonata saret minn fuq numru mhux magħruf u is-surgent (PS1136) li dak il-ħin kien mal-vittma sema' t-telefonata u meta identifika ruħu din il-persuna qatgħet il-linja.  Il-vittma stqarr li dik il-vuċi kienet ta' l-imputat.

Illi l-imputat ġie nterrogat mill-pulizija u stqarr li hu ma kienx fuq il-post.  Fil-kors tal-kawża rrizulta li l-imputat u il-vittma kellhom negozju flimkien iżda l-affarijiet ma marrux sew tant li spiċċaw il-qorti.  Irrizulta li l-imputat kien rebaħ il-kawża ċivili fl-appell.

Illi fil-mori tal-kawża xehed ċertu Philip Ciantar, ħabib ta' l-imputat.  Hu xehed li dak in-nhar ta' l-inċident kien il-Kalkara wara t-3.00 p.m. u l-imputat kien hemm jaħdem fuq id-dgħajsa tiegħu.  Hu ċert minn dan il-fatt għaliex hu spiċċa mix-xogħol għal ħabta tat-3.00 p.m.

Illi l-vittma ma kienx f'pozizzjoni li jindika lill-pulizija min kienu t-tlett irġiel li daħlu fil-ħanut tiegħu.

Illi mill-provi prodotti hemm il-versjoni tal-vittma li qal li hu rah fuq il-post ta' l-inċident.  Min-naħa l-oħra hemm iċ-ċaħda ta' l-imputat u tax-xhud prodott minnu.

Għaldaqstant, fuq konflitt ta’ provi ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------